MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2007

Numru. 441/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Pierre Micallef Grimaud)**
**(Sp. Josric Mifsud)**

**v**

**Martin Serracchino ta' 41 sena bin il-mejjet John u Doris nee Fenech, imwieled Valletta, nhar il-13/05/63, residenti fil-fond numru 60/5, Old Hospital Street, Valletta detentur tal-karta tal-identia' bin-numru 304363 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Martin Serracchino li gie akkuzat talli nhar il-5 ta' Gunju, 2004 gol-Floriana, ghall-habta tat-20.00 ta' filghaxija, ingurja

jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PC 1091 Kenneth Camileri bhala ufficjali inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu ghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom, jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzoni ta’ dan is-servizz ai termini tal-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali tal-Kapitlu 9,

U aktar talli fl-istess post, data u hin attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC 1091 Kenneth Camilleri, bhala persuna nkargiata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li agixxa ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti, ai termini tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

Ukoll talli l-istess post, data u hin kiser il-bon ordni u paci pubblika, b’ghajjat u storbju kif ukoll dagha u kliem fahxi.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll illi l-akkuzat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u li moghti zmien jahseb fuq l-istess ikkonferma l-istess ammissjoni.

Rat l-atti kollha, semghet it-trattazzjonijiet.

Illi in vista ta’ l-ammissjoni qed issibu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikolu 95, 96, 338 tal-Kapitlu 9.

Rat li ebda sentenza ma giet esebita biex tissostanzja dak elenkat fil-fedina penali.

Ghaldaqstant qeghda tikkundannah ghal sitt xhur habs sospizi ghal sena wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------